TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 51/12-F

**Matthew Aquilina**
**vs**
**European Pilot Academy**

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-15 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet elef, erba' mija, w erbgħa u disgħin ewro u sitt ċenteżmi (€3,494.06), rappreżentanti prezz żejjed li ħallas sabiex jotjeni l-liċenzja ta' pilota minħabba sigħat ta' taħriġ żejjed li ma kienx hemm bżonn.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa beda kors biex jieħu l-liċenzja ta' pilota u dan kien reklamat li jiswa xi tmint elef ewro (€8,000), pero' bħala fatt ħallas sittax-il elf ewro (€16,000). Ir-rikorrenti qed jilmenta illi sar abbuż minnu għax ma kellux bżonn dan it-taħriġ kollu u li seta' jlestih qabel.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi r-rikorrenti kellu bżonn dawn is-sigħat żejda għat-taħriġ sabiex jikseb il-kwalifika li hu ried u li kellu bżonn aktar sigħat ta' taħriġ.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, ipprova jidħol fil-kwistjoni biex jara jekk verament dan l-istudent, jiġifieri r-rikorrenti kellux bżonn aktar sigħat ta' taħriġ, pero' ma setax jasal għall-konklużjoni definittiva għax ma ngħabu ebda provi favur jew kontra. Pero', t-Tribunal iħoss illi huwa minnu li r-rikorrenti ħallas għal ħafna aktar sigħat minn dak li huwa normali.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' elf ewro (€1,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**